MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 673/2002/1

**Edmond u Sharon-Ann bhala ahwa Zammit Laferla**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma l-iben u l-bint naturali u legittimi ta' Herbert Zammit u Carmen nee' Saliba u hekk gew registrati t-twelid taghhom skond l-anness Certifikati bin-numri 2944/76 u 5514/79 (Dok. “A”) u (Dok. “B”);

Illi missier l-atturi dejjem kien maghruf bil-kunjom "Zammit Laferla" u madwar erba' snin ilu huwa beda juza

ufficjalment il-kunjom "Zammit Laferla" *ai termini* tal-Artiklu 4 (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

U illi l-atturi kienu bdew juzaw il-kunjom Zammit Laferla minn dak iz-zmien ’l hawn hekk kif jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *previa* d-dikjarazzjoni illi l-atturi jgibu u huma maghrufin bil-kunjom "Zammit Laferla", tordna illi firRegistrazzjoni tat-twelid taghhom bin-numri 2944/76 u 5514/79, il-kunjom “Zammit” jigi mibdul ghal "Zammit Laferla".

BI-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 10 tal-process;

Rat id-digriet taghha datat 23 ta’ Settembru tal-affidavit tal-attur b’terminu ta’ sittin (60) gurnata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur Registru Pubbliku tas-6 ta’ Dicembru 2002 a fol. 18 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-**artikolu 4(3) tal-Kodici Civili** jaghti dritt lil missier l-atturi Herbert Zammit Laferla biex igib il-kunjom “Zammit Laferla” peress illi l-kunjom patern tieghu huwa “Zammit” u l-kunjom matern inghad li huwa "Laferla". L-esponent mhux edott mill-fatt jekk fil-mument tat-twelid ta' l-atturi, jekk missierhom kienx juza l-kunjom Zammit Laferla. Jekk jigi pruvat li l-kunjom tal-missier kien dak iz-zmien Zammit Laferla, allura l-konvenut ma joggezzjonax ghat-talba.

2. Illi in vista tac-cirkostanzi li taw lok ghal din l-kawza l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Illi l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat b'din ic-citazzjoni skond l-**artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat il-verbal tal-4 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Kris Borg ghall-atturi prezenti kkonferma d-dikjarazzjoni attrici. Deher ukoll Herbert Zammit Laferla li kkonferma bil-gurament tieghu li hu dejjem uza l-kunjom “Zammit Laferla”. Dr. Kris Borg iddikjara li m’ghandux provi aktar. In vista li d-difensur tal-konvenut u l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku minkejja li msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Frar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. IL-MERTU TAL-KAWZA.</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fir-Registrazzjoni tat-Twelid ta’ l-atturi bin-numri 2944/76 u 5514/79 *stante* li l-atturi qed jallegaw li fil-fatt huma kienu dejjem maghrufa bil-kunjom “Zammit Laferla” u mhux “Zammit” kif indikat fl-istess Certifikati.

Illi dan gie konfermat bil-gurament minn missier l-attur Herbert Zammit Laferla fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2003 fejn sostna li huwa kien dejjem maghruf b’tali kunjom li l-attur qed jitlob li jigi registrat korrettament, u dan jirrizulta wkoll mid-dokumenti kollha esebiti fosthom id-diploma tal-universita’, il-karta tal-identita’ tieghu u ta’ martu, u fil-fatt dawn lanqas biss huma kontestati.

Illi *di piu’* dan jirrizulta li jista’ jsir *ai termini* tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap 16** u ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talba attrici, **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b'dan li:-

1. Tiddikjara li l-atturi jgibu u huma maghrufin bil-kunjom "Zammit Laferla", tordna illi fir-Registrazzjoni tat-twelid taghhom bin-numri 2944/76 u 5514/79, il-kunjom "Zammit" jigi mibdul ghal "Zammit Laferla" u jsiru il-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-istess certifikat sabiex juri dan hawn deciz.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* **tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess atturi, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------